

- **L-Artikolu 16 tat-Trattat** dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (li qabel kien l-Artikolu 286 tat-Trattat tal-Komunità Ewropea) jispeċifika li "Kull persuna għandha jkollha d-dritt għall-protezzjoni ta' *data* personali li tirrigwardaha", u jirrikjedi t-tfassil tal-leġiżlazzjoni li tipproteġi l-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u l-moviment liberu tad-*data*. Din il-leġiżlazzjoni tapplika għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE li huma stabbiliti bit-Trattat jew ibbażati fuqu.
- **Ir-Regolament 2018/1725** dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, tfassal sabiex jikkonforma mat-Trattat u jipprovdi lill-individwi bi drittijiet legalment eżegwibbli, biex jispeċifika l-obbligi ta' pproċessar tad-*data* tal-Kontrolluri tad-*Data*, u biex johlq awtorità superviżorja indipendenti.
- L-oġġettivi tar-Regolament 2018/1725 huma li jipproteġi lill-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u li jiżgura l-moviment liberu ta' tali *data* bejniethom jew lil riċevituri oħra stabbiliti fl-Unjoni. Xi wħud mid-definizzjonijiet li jirrigwardaw il-protezzjoni ta' *data* personali u suġġetti relatati, flimkien ma' informazzjoni dwar il-protezzjoni ta' *data* personali min-naħa tal-Qorti, huma pprovduti hawn taħt:

Prinċipji relatati mal-protezzjoni tad-*data*

Il-kontrollur għandu jkun responsabbli u jrid ikun jista' juri l-konformità mal-prinċipju ta' "responsabbiltà". Kull persuna li tipproċessa *data* personali trid tkun infurmata dwar ċerti prinċipji bażiċi, li jirrikjedu li din id-*data*:

- tiġi pproċessata legalment, għustament u b'mod trasparenti fir-rigward tas-suġġett tad-*data*;
- tiġi pproċessata għal finijiet speċifiċi, espliċiti u leġittimi "limitazzjoni tal-fini";
- tkun adegwata, rilevanti, u limitata għal dak li hu meħtieġ b'rabta mal-finijiet li għalihom tkun qed tiġi pproċessata "minimizzazzjoni tad-*data*";
- tkun preċiża u, meta jkun meħtieġ, tinżamm aġġornata "preċiżjoni";
- tinżamm għal żmien mhux itwal milli jkun meħtieġ "limitazzjoni tal-ħżin";
- tiġi pproċessata b'mod li jiżgura sigurtà xierqa "integrità u kunfidenzjalità";
- ma tiġix ittrasferita lil partijiet terzi mingħajr prekawzjonijiet adegwati;
- tiġi pproċessata skont id-drittijiet tas-Suġġett tad-*Data*.

X'inhi "*data* personali"?

- *Data* personali tfisser kwalunkwe informazzjoni relatata ma' persuna fiżika identifikata jew identifikabbli ("is-Suġġett tad-*Data*").
- Persuna identifikabbli hija persuna li tista' tiġi identifikata, direttament jew indirettament, b'mod partikolari b'referenza għal mezz ta' identifikazzjoni bħal isem, numru ta' identifikazzjoni, *data* ta' lokalizzazzjoni, identifikatur online jew għal fattur wieħed jew aktar speċifiċi għall-identità fiżika, fiżjoloġika, ġenetika, mentali, ekonomika, kulturali jew soċjali.
- L-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data*, iddefinita bħala *data* personali li tiżvela l-orijini razzjali jew etnika, opinjonijiet politiċi, twemmin reliġjuż jew filosofiku, sħubija fi trade union, u l-ipproċessar ta' *data* ġenetika, *data* bijometrika li tidher b'mod uniku persuna fiżika, *data* dwar is-saħħa jew *data* dwar l-orjentazzjoni sesswali ta' individwu, għandu jkun ipprojbit, suġġett għal ċerti eċċezzjonijiet (ara l-Artikolu 10 tar-Regolament 2018/1725).

Kontrollur tad-*Data* u Suġġett tad-*Data*

Il-Kontrollur tad-*Data* huwa l-istituzzjoni jew il-korp tal-UE, id-Direttorat Ġenerali, l-unità jew kull entità organizzattiva oħra li, waħedhom jew flimkien ma' oħrajn, jiddeterminaw il-finijiet u l-mezzi tal-ipproċessar ta' *data* personali.

Il-Kontrolluri tad-*Data* tal-Qorti huma l-Membri, is-Segretarjat Ġenerali, id-Diretturi u l-Maniġers Prinċipali.

Għal kull attività ta' pproċessar, il-Kontrollur tad-*Data* jrid jiġi identifikat u l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* tal-istituzzjoni jrid jiġi avżat minn qabel.

Is-Suġġett tad-*Data* huwa l-persuna li d-*data* personali tagħha tinġabar, tinżamm jew tiġi pproċessata mill-Kontrollur tad-*Data*.

Proċessur

Jekk il-Kontrolluri tad-*Data* ma jipproċessawx id-*data* personali huma stess, l-ipproċessar irid jitwettaq minn Proċessur f'isimhom. Il-Proċessur irid jipprovdi garanziji suffiċjenti fir-rigward tal-miżuri tekniċi u organizzattivi ta' sigurtà meħtieġa, u jiżgura l-konformità ma' dawn il-miżuri. Il-Proċessur jista' jkun persuna fiżika jew ġuridika, awtorità pubblika, aġenzija jew korp ieħor, li jaġixxi fuq l-istruzzjonijiet – u fuq l-istruzzjonijiet biss – tal-Kontrollur tad-*Data*. Kemm il-Kontrollur tad-*Data*

kif ukoll il-Proċessur għandhom ikunu marbutin permezz ta' kuntratt jew att legali li jirregola l-ipproċessar ta' *data* personali.

Persuna ta' Kuntatt (Kontrollur Delegat)

Il-Persuna ta' Kuntatt (jew "Kontrollur Delegat") jinħatar mill-Kontrollur tad-*Data* u jaġixxi fuq l-istruzzjonijiet ta' dan tal-aħħar. Il-kompitu tiegħu huwa li jħejji n-notifiki li jridu jintbagħtu lill-UPD mill-Kontrollur tad-*Data* responsabbli (wara l-validazzjoni), u li jikkoordina mal-UPD fejn ikun meħtieġ.

Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data*

- Kull istituzzjoni għandha UPD wieħed jew aktar li jiżguraw b'mod indipendenti li l-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* personali jiġu applikati fl-istituzzjoni. Kull UPD iżomm reġistru tal-attivitajiet kollha ta' pproċessar ta' *data* personali fl-istituzzjoni tiegħu. Il-UPD jipprovdu wkoll konsulenza u jaġhmlu rakkomandazzjonijiet dwar id-drittijiet u l-obbligi. Huma jinnotifikaw lill-KEPD jekk l-ipproċessar tad-*data* personali jkun jinvolvi xi element ta' riskju (ara hawn taħt), u jwieġbu għat-talbiet tal-KEPD. Huma jistgħu jinvestigaw kwistjonijiet u inċidenti fuq talba jew fuq inizjattiva proprja tagħhom.

- Johan Van Damme ilu jokkupa l-kariga ta' UPD tal-QEA minn Ġunju 2010, bl-assistenza ta' Dominique Savonitto.

X'inhi notifika ("rekord tal-attivitajiet ta' pproċessar") u min hu responsabbli għaliha?

- Notifika hija avviż minn qabel li l-Kontrollur tad-*Data* jibgħat lill-UPD fir-rigward ta' kull attività (manwali jew elettronika) ta' pproċessar li fiha jkun hemm *data* personali involuta. Tkun meħtieġa biss għall-ipproċessar ta' *data* personali.

X'inhu r-Reġistru tal-UPD?

- Ir-Reġistru huwa database li fiha n-notifiki kollha li l-Kontrolluri tad-*Data* jibagħtu lill-UPD dwar l-ipproċessar ta' *data* personali. L-Artikolu 31 tar-Regolament 2018/1725 jirrikjedi li l-UPD iżomm Reġistru tal-attivitajiet ta' pproċessar, u jirrikjedi li dan ir-Reġistru jkun aċċessibbli għall-pubbliku.

X'inhi Sistema ta' Arkivjar?

- Ir-Regolament 2018/1725 japplika fil-każijiet kollha li fihom tiġi pproċessata *data* personali li tkun tiffirma parti minn sistema ta' arkivjar jew li tkun intenzjonata sabiex tagħmel parti minn sistema ta' arkivjar. "Sistema ta' arkivjar" tfisser kwalunkwe sett strutturat ta' *data* personali li tkun aċċessibbli skont kriterji speċifiċi, sew jekk dan is-sett ikun ċentralizzat, deċentralizzat jew mifrux fuq bażi funzjonali jew ġeografika.

- Fejn is-sistema tkun lokalizzata mhuwiex rilevanti. Tista' tkun lokalizzata fil-livell tal-Qorti, iżda wkoll fil-livell istituzzjonali, nazzjonali, reġjonali, lokali jew saħansitra "privat" (għand ditta awditjata).

X'inhu l-ipproċessar?

L-ipproċessar huwa kwalunkwe attività jew sett ta' attivitajiet li jitwettqu fuq *data* personali, sew jekk b'mezzi awtomatizzati u sew jekk mingħajrhom, bħalma huma l-ġbir, ir-reġistrazzjoni, l-organizzazzjoni, il-ħżin, il-konsultazzjoni, l-użu, l-iżvelar bi trażmissjoni, it-tħassir, il-qerda, eċċ.

X'inhu l-ipproċessar legali?

- L-Artikolu 5 tar-Regolament jiddikjara li l-ipproċessar ta' *data* personali jrid jew ikun meħtieġ jew ikun ingħata l-kunsens għalih. Id-*data* personali tista' tiġi pproċessata biss jekk:

- a) l-ipproċessar ikun meħtieġ għat-twettiq ta' kompitu li jsir fl-interess pubbliku abbażi tal-leġiżlazzjoni tal-UE jew fl-eżerċitar ta' awtorità uffiċjali tal-UE;
 - b) l-ipproċessar ikun meħtieġ għall-konformità ma' obbligu legali li għalih il-Kontrollur tad-*Data* huwa suġġett;
 - c) l-ipproċessar ikun meħtieġ għat-twettiq ta' kuntratt li għalih is-Suġġett tad-*Data* huwa parti, jew sabiex jittieħdu passi fuq talba tas-Suġġett tad-*Data* qabel ma jidħol f'kuntratt;
 - d) is-Suġġett tad-*Data* jkun ta l-kunsens b'mod mhux ambigwu (jiġifieri kull indikazzjoni speċifika, infurmata u mogħtija liberament ta' dak li s-Suġġetti tad-*Data* jkunu jixtiequ, u li tfisser li huma jkunu jaqblu li d-*data* personali tagħhom tiġi pproċessata);
 - e) l-ipproċessar ikun meħtieġ sabiex ikunu protetti l-interessi vitali tas-Suġġett tad-*Data*.
- Il-Kontrollur tad-*Data* għandu r-responsabbiltà li jiżgura li d-*data* personali tiġi pproċessata b'mod ġust u legali.

Ambitu

- Kull meta dipartiment tal-Qorti jipproċessa *data* personali li tkun f'sistema (manwali jew elettronika) ta' arkivjar, irrISPettivament minn fejn din is-sistema tkun lokalizzata, mit-tip ta' *data* personali li jkun fiha, u mill-fini tal-ipproċessar, dan għandu jittqies bħala każ ta' pproċessar ta' *data* personali fi ħdan it-tifsira tar-Regolament 2018/1725. Dan ir-Regolament 2018/1725 japplika wkoll f'każijiet li fihom dipartiment tal-Qorti jipproċessa *data* personali li tkun intenzjonata sabiex tagħmel parti minn sistema ta' arkivjar.
- L-UPD irid jiġi nnotifikat dwar dan l-ipproċessar permezz tas-sistema ta' notifika (rekord tal-attivitajiet ta' pproċessar) li tintuża fil-Qorti.

Informazzjoni li trid tingħata lis-Suġġett tad-*Data* qabel il-ġbir ta' *data* personali (l-Artikolu 15 tar-Regolament 2018/1725) u d-drittijiet tas-Suġġett tad-*Data* fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali (l-Artikoli 17 sa 24 tar-Regolament 2018/1725)

- Il-Kontrollur tad-*Data* jrid jipprovdi lis-Suġġett tad-*Data* l-informazzjoni li ġejja dwar id-*data* li tkun qed tiġi pproċessata:
- L-identità u d-dettalji ta' kuntatt tal-kontrollur;
- Id-dettalji ta' kuntatt tal-UPD;
- Il-finijiet tal-ipproċessar li għalihom hija intenzjonata d-*data* personali kif ukoll il-bażi legali għall-ipproċessar;
- Ir-riċevituri jew il-kategoriji ta' riċevituri tad-*data* personali, jekk jeżistu;
- Meta jkun applikabbli, il-fatt li l-kontrollur ikollu l-ħsieb li jittrasferixxi *data* personali lejn pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali [...] u l-eżistenza jew l-assenza ta' deċiżjoni ta' adeguatezza mill-Kummissjoni, jew fil-każ ta' trasferimenti msemmija fl-Artikolu 48, referenza għas-salvagwardji xierqa jew adatti u l-mezzi li bihom tinkiseb kopja tagħhom jew fejn dawn ikunu saru disponibbli;
- Il-perjodu li matulu d-*data* personali tkun se tinħażen, jew jekk dak ma jkunx possibbli, il-kriterji użati biex jiġi ddeterminat dak il-perjodu;
- L-eżistenza tad-dritt ta' aċċess għad-*data* personali u li din tiġi rrettifikata mingħajr dewmien żejjed jekk ma tkunx preċiża jew kompleta;
- Taħt ċerti kundizzjonijiet, id-dritt li jintalab it-tħassir ta' *data* personali jew li jiġi limitat l-ipproċessar tagħha;
- Fejn ikun applikabbli, id-dritt li, fi kwalunkwe ħin, issir oġġezzjoni għall-ipproċessar ta' *data* personali, għal raġunijiet relatati ma' sitwazzjoni partikolari, u d-dritt għall-portabbiltà tad-*data*;
- L-eżistenza tad-dritt li jiġi rtirat il-kunsens (f'każ li l-ipproċessar ikun ibbażat fuq kunsens);
- Id-dritt li s-suġġett tad-*data* ma jkunx suġġett għal deċiżjoni bbażata unikament fuq ipproċessar awtomatizzat, inkluż it-tfassil ta' profili, li jipproduċi effetti legali jew li jaffettwaw b'mod sinifikanti;
- Id-dritt ta' tressiq ta' lment quddiem il-KEPD;
- Jekk il-forniment ta' *data* personali huwiex rekwiżit statutorju jew kuntrattwali, jew rekwiżit meħtieġ biex wieħed jidħol f'kuntratt, kif ukoll jekk is-suġġett tad-*data* huwiex obligat jipprovdi d-*data* personali u l-konsegwenzi possibbli meta wieħed jonqos milli jipprovdi tali *data*;
- Jekk il-kontrollur ikun biħsiebu jipproċessa d-*data* personali ulterjorment għal fini differenti minn dik li għaliha d-*data* personali tkun inġabret, trid tingħata informazzjoni dwar il-finijiet l-oħra u kull informazzjoni rilevanti oħra (perjodu ta' żamma, drittijiet, eċċ...);
- Id-dritt li s-suġġett tad-*data* jitlob li, sa fejn ikun possibbli, kull bidla fid-*data* personali tingħadda lil partijiet oħra li lilhom id-*data* tiegħu tkun ġiet ikkomunikata.

It-talbiet iridu jiġu ttrattati mingħajr dewmien żejjed u, fi kwalunkwe każ, fi żmien xahar minn meta jaslu. Dan il-perjodu jista' jiġi estiż b'xahrejn oħra, fejn ikun meħtieġ.

Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (KEPD)

- Il-[KEPD](#) huwa awtorità superviżorja indipendenti stabbilita f'konformità mar-Regolament 2018/1725. F'dak li jirrigwarda l-ipproċessar ta' *data* personali, il-KEPD għandu r-responsabbiltà li jiżgura li d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni fiżiċi, b'mod partikolari d-dritt tagħhom għall-privatezza, jiġu rrispettati mill-istituzzjonijiet u mill-korpi tal-UE. Il-KEPD għandu wkoll ir-responsabbiltà li jipprovdi konsulenza lill-istituzzjonijiet u lill-korpi tal-UE, kif ukoll lis-Suġġetti tad-*Data*, dwar il-kwistjonijiet kollha li jirrigwardaw l-ipproċessar ta' *data* personali.
- Il-Kontrolluri tad-*Data* huma meħtieġa jikkooperaw mal-KEPD, b'mod partikolari billi jagħtu aċċess għall-informazzjoni.